MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2015

Citazzjoni Numru. 418/2015

**Giovanna maghrufa bhala Jeanette Caligari Conti (I.D. 0127342 M), Carmen Spiteri Conti (I.D. 653338 M), Josephine Caligari Conti (I.D. 326846 M), Natalie Grech, (I.D. 285363 M), Mario Conti (I.D. 9767 M), Rita Collict (I.D. 0110367 M), Joseph Camilleri (I.D. 644834 M), Jacqueline Caruana (I.D. 42767 M) ghan-nom tal-assenti Sister Mary Camilleri, Anthony Camilleri (I.D. 807043 M), Anthony Farrugia (I.D. 0180741 M), Teresa Catania (I.D. 0090444 M), personalment u ghan-nom tal-assenti Carmen**

**Said u tal-assenti Ursola Said, Anthony Camilleri (I.D. 807043 (M), Paul Camilleri (I.D. 94137 M), Mary Forte (I.D. 123939 M), Emanuel Camilleri (I.D. 1041445 M)**

**vs.**

**Charles, Joseph, Anthony u Malcolm Camilleri bhala mandatarju tal-assenti John, ahwa Camilleri kollha werrieta tal-mejjet John Camilleri bin John Camilleri (senior) u ta' ohthom xebba Carmen Camilleri**

**Teresa Catania bhala mandatarju tal-assenti Gerald, Paul Michael, Carmen Aquilina, Jane Vella ulied il-mejjet Joseph Camilleri bin Emanuel kollha assenti minn Malta u b'nota datata iz-19 ta' Mejju, 2015, Giovanna maghrufa bhala Jeanette Caligari Conti (I.D. 0127342 M) ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-assenti: Josephine mizzewga Portelli, Antonia mizzewga Camilleri, Carmen mizzewga Palmer, Cettina mizzewga Palmer, Doris Camilleri, Paul Camilleri, Julian Camilleri, Emanuel Camilleri u Jane Camilleri lkoll werrieta u kollha assenti minn Malta.**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors datat is-6 ta’ Mejju, 2015, li permezz tiegħu r-rikorrenti sintetikament esponew is-segwenti:

1.1. Illi l-kontendenti huma lkoll ko-proprjetarji tal-fondi numri 34 u 35, Triq Depiro, tas-Sliema;

1.2. Illi skont it-testment ta’ John Camilleri datat it-8 ta’ Gunju, 1936, *in atti*, tan-Nutar Dr. George Pace, it-testatur *de quo* halla lit-tmin (8) uliedu indikati fl-istess rikors promotur bhala werrieta tieghu;

1.3. Illi l-armla ta’ John Camilleri bieghet in-nofs indiviz taghha lil Antonia Camilleri permezz ta’ kuntratt *in atti* tan-Nutar Dr. George Bonello Depuis, datat l-24 ta’ Frar, 1970, (ara foll 6);

1.4. Illi l-ishma tar-rikorrenti huma kif deskritti fl-istess rikors promotur, (ara foll 2 u 3);

1.5. Illi l-istess proprjeta` ilha in komun ghal aktar minn ghaxar (10) snin u ma hemm l-ebda procedura legali fir-rigward;

1.6. Illi a bazi ta’ l-istima peritali r-rikorrenti jaqblu li l-fondi in dizamina jinbieghu ghall-prezz ta’ tlett mija u hamsin elf Ewro, (€350,000.00), (ara foll 22);

1.7. Illi effettivament sar konvenju datat il-25 t’April, 2015, *in atti* tan-Nutar Jean Paul Farrugia, (ara foll 23);

1.8. Illi s-sidien iridu li jinbieghu l-fondi *de quo* u iffirmaw il-konvenju relattiv, (ara foll 31);

1.9. Illi r-rikavat ghandu jinqasam ghall 349/384 favur ir-rikorrenti u 35/384 favur l-intimati, u dan, wara li jitnaqqsu l-ispejjez relattivi;

1.10. Illi m'hemm l-ebda gustifikazzjoni ghaliex il-bejgh *de quo* m'ghandux isir;

1.11. Illi in vista tal-premess ir-rikorrenti aderew din il-qorti biex din:

1.11.1. Tawtorizza l-bejgh tal-fondi 34 u 35, Triq Depiro, tas-Sliema;

1.11.2. Tappunta nutar ghal dan il-ghan;

1.11.3. Bl-ispejjez kontra l-intimati;

2. Rat in-noti guramentati ta' l-intimati kollha, lkoll datati d-29 ta' Mejju, 2015, bl-esklussjoni ta' l-intimata Teresa Catania li permezz taghhom ammettew t-talbiet kollha tar-rikorrenti, (ara foll 38 sa 43);

3. Rat in-notifika posittiva ta' l-intimata Teresa Catania datata l-25 ta' Mejju, 2015, li *nonostante* cio` baqghet fi stat ta' kontumacja, (ara foll 46);

4. Ezamiinat id-dokumenti esebiti;

5. Semghet lix-xhud prodott;

Ikkunsidrat:

6. Illi r-rikors promotur gie debitament ipprovat kemm a bazi ta' l-ammissjonijiet ta' l-intimati fuq rilevati, kif ukoll wara l-konferma bil-gurament ta' l-istess mix-xhud prodott in atti;

7. Illi *di piu`*, jirrizulta assodat li l-intimati naqqsu jaccedu ghall-konvenju fuq riferit, *nonostante* li debitament interpellati ghal dan il-ghan;

8.0. Illi konsegwentement, in vista tal-premess tqis li r-rikorrenti pprovaw il-kaz taghhom skont il-ligi u ghalhekk:

**DECIDE:**

8.1. Tawtorizza l-bejgh tal-fondi numri 34 u 35, Triq Depiro, tas-Sliema, skont il-konvenju fuq inidikat;

8.2. Tordna li dan il-bejgh ghandu jsir fi zmien tlett (3) xhur mid-data ta' din is-sentenza;

8.3. Tappunta lin-Nutar Dottor Jean Paul Farrugia biex jezegwixxi l-bejgh tal-fondi *de quo* fit-terminu fuq indikat;

8.4. Tappunta lill-abbli rapprezentant legali ta' l-intimati Dr. David Camilleri bhala kuratur ta' l-assenti fl-istess kuntratt;

8.5. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-intimati;

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------